# SUQ INTERN TAL-ENERĠIJA

Sabiex ikun armonizzat u liberalizzat is-suq intern tal-enerġija tal-UE, sa mill-1996, ġew adottati miżuri sabiex jindirizzaw l-aċċess għas-suq, it-trasparenza u r-regolamentazzjoni, il-protezzjoni tal-konsumatur, is-sostenn għall-interkonnessjoni u l-livelli adegwati ta' forniment. Dawn il-miżuri għandhom l-għan li jibnu suq tal-elettriku tal-UE aktar kompetittiv, iċċentrat fuq il-klijenti, flessibbli u nondiskriminatorju, bi prezzijiet ta' provvista bbażati fuq is-suq. B'hekk, il-miżuri jsaħħu u jespandu d-drittijiet tal-konsumaturi individwali u tal-komunitajiet tal-enerġija, jindirizzaw il-faqar enerġetiku, jiċċaraw ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-parteċipanti fis-suq u tar-regolaturi u jindirizzaw is-sigurtà tal-provvista tal-elettriku, tal-gass u taż-żejt, kif ukoll l-iżvilupp ta' netwerks trans-Ewropej għat-trasport tal-elettriku u tal-gass.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikolu 194 u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

## L-OBJETTIVI

Fis-settur tal-enerġija, it-tlestija tas-suq intern tal-UE teħtieġ: it-tneħħija ta' bosta ostakli u ingombri kummerċjali; l-approssimazzjoni tal-politiki dwar it-taxxa u l-politiki tal-prezzijiet u miżuri b'rabta ma' normi u standards; u regolamenti dwar l-ambjent u s-sikurezza. L-objettiv huwa li jkun assigurat suq li jiffunzjona b'aċċess ekwu għas-suq u livell għoli ta' protezzjoni għall-konsumatur kif ukoll livelli adegwati ta' interkonnessjoni u ta' kapaċità ta' ġenerazzjoni.

## IL-KISBIET

### A. Liberalizzazzjoni tas-swieq tal-gass u tal-elettriku

Matul id-disgħinijiet, meta l-maġġoranza tas-swieq nazzjonali tal-elettriku u tal-gass naturali kienu għadhom monopolizzati, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri ddeċidew li jiftħu dawn is-swieq gradwalment għall-kompetizzjoni. L-ewwel direttivi ta' liberalizzazzjoni (l-Ewwel Pakkett ta' Enerġija) ġew adottati fl-1996 (tal-elettriku) u fl-1998 (tal-gass), u kellhom jiġu trasposti fis-sistemi legali tal-Istati Membri sal-1998 (tal-elettriku) u sas-sena 2000 (tal-gass). It-Tieni Pakkett ta' Enerġija ġie adottat fl-2003, id-direttivi tiegħu kellhom jiġu trasposti fil-liġi nazzjonali mill-Istati Membri sal-2004, u xi dispożizzjonijiet daħlu fis-seħħ biss fl-2007. Il-konsumaturi industrijali u domestiċi issa huma liberi li jagħżlu l-fornituri tal-gass u tal-elettriku tagħhom stess minn firxa usa' ta' kompetituri. F'April 2009, ġie adottat it-Tielet Pakket ta' Enerġija li jimmira li jkompli

jilliberalizza s-swieq interni tal-elettriku u tal-gass, jemenda t-tieni pakkett u jipprovdi l-pedament għall-implimentazzjoni tas-suq intern tal-enerġija.

**B.** Il-passi li jmiss

Kif imħabbar fl-istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija (COM(2015) 0080), sabiex il-konsumaturi jingħataw enerġija sigura, sostenibbli, kompetittiva u affordabbli, il-Kummissjoni, fit-30 ta' Novembru 2016, ressqet sett ta' proposti leġiżlattivi għal disinn ġdid tas-suq tal-enerġija tal-UE. Il-pakkett "Enerġija Nadifa Għall-Ewropej Kollha" (COM(2016) 0860) għandu l-għan li jimplimenta l-Unjoni tal-Enerġija u jkopri l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, l-enerġija rinnovabbli, id-disinn tas-suq tal-elettriku, is-sigurtà tal-forniment tal-elettriku u r-regoli ta' governanza għall-Unjoni tal-Enerġija. Sabiex jitlesta s-suq intern tal-enerġija, il-Kummissjoni għalhekk ipproponiet miżuri fid-Direttiva dwar l-Elettriku (COM(2016) 0864), fir-Regolament dwar l-Elettriku (COM(2016) 0861) u fir-Regolament dwar it-tħejjija għar-riskji (COM(2016) 0862).

Il-proposta għal direttiva dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku(COM(2016) 0864) tirriformula d-Direttiva 2009/72/KE. Il-proposta tiffoka fuq:

— Kontijiet tal-elettriku aktar ċari u aktar frekwenti: il-klijenti tal-elettriku jkollhom il-libertà li jagħżlu fornitur jew aggregatur, megħjuna minn għodod ta' tqabbil iċċertifikati, mingħajr tariffi talli jibdlu l-fornitur u li jagħżlu kuntratt bi prezz dinamiku u arloġġ intelliġenti.

— Il-protezzjoni tal-konsumaturi fqar jew vulnerabbli: L-Istati Membri jkunu obbligati li joffru protezzjoni mmirata billi jimmonitorjaw u jirrapportaw l-għadd ta' familji f'sitwazzjoni ta' faqar enerġetiku.

— L-involviment ta' atturi ġodda fis-suq: l-aggregaturi jkunu liberi li jieħdu sehem fis-suq tal-konsumaturi; il-komunitajiet tal-enerġija lokali jkollhom id-dritt li jieħdu sehem fil-ġenerazzjoni, fid-distribuzzjoni, fl-aggregazzjoni, u fil-ħżin tal-enerġija elettrika u tas-servizzi ta' effiċjenza enerġetika fil-livell lokali u jkollhom aċċess għas-swieq organizzati kollha; L-Istati Membri jkunu jistgħu jirregolaw l-iskambju tad-data bejn il-parteċipanti fis-suq.

— Il-faċilitazzjoni tal-elettromobilità: L-Istati Membri jkunu jridu jiffaċilitaw il-konnessjoni tal-punti tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi man-netwerk tad-distribuzzjoni tal-elettriku, u jiftħu s-sjieda u l-operat ta' dawn il-punti tal-iċċarġjar lil partijiet terzi.

— Il-fatt li jiġu ċċarati l-kompiti tal-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni (DSO) u tiġi introdotta proċedura għall-ippjanar tal-iżvilupp tan-netwerk ta' distribuzzjoni.

Il-proposta għal Regolament dwar it-tħejjija għar-riskji (COM(2016) 0862) għandha l-għan li ssaħħaħ it-tħejjija għar-riskji billi tinkoraġġixxi l-kooperazzjoni bejn l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni (TSO) fi ħdan l-UE, it-TSO f'pajjiżi ġirien u l-Aġenzija Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija. Hija għandha wkoll l-għan li tiffaċilita l-immaniġġjar transkonfinali tal-grilji elettriċi f'każ ta' kriżi tal-elettriku, permezz taċ-Ċentri Operattivi Reġjonali l-ġodda, li huma introdotti fil-proposta relatata għal Regolament dwar is-suq intern tal-elettriku (COM(2016) 0861). Huma proposti erba' settijiet ta' miżuri: (i) regoli komuni dwar kif wieħed jipprevjeni u jħejji għal kriżijiet tal-elettriku sabiex tiġi żgurata l-kooperazzjoni transkonfinali; (ii) regoli komuni għall-

ġestjoni ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi; (iii) metodi komuni għall-valutazzjoni tar-riskji relatati mas-sigurtà tal-provvista; (iv) qafas komuni għal evalwazzjoni u monitoraġġ aħjar ta' sigurtà tal-provvista tal-elettriku.

Il-proposta għal regolament dwar is-suq intern għall-elettriku (COM(2016) 0861) tfassal mill-ġdid ir-Regolament (KE) Nru 714/2009, sabiex is-suq tal-elettriku jkun f'kundizzjoni tajba għal flessibbiltà, dekarbonizzazzjoni u innovazzjoni billi jipprevedi sinjali tas-suq mingħajr distorsjonijiet. Il-proposta tikkonsisti f'seba' proposti leġiżlattivi oħra. Ħamsa minn dawn jikkonċernaw il-provvista tal-elettriku, biex jiġu riveduti r-regoli għall-kummerċ tal-elettriku, jiġu ċċarati r-responsabbiltajiet tal-parteċipanti fis-suq, u jiġu definiti l-prinċipji biex jiġu evalwati l-ħtiġijiet ta' kapaċità u l-prinċipji għall-mekkaniżmi ta' kapaċità bbażati fuq is-suq.

**C.** Regolamentazzjoni tas-suq tal-enerġija: l-Aġenzija Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) ilha operattiva minn Marzu 2011 (Regolament (KE) Nru 713/2009). ACER hija prinċipalment responsabbli għall-promozzjoni tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali fil-livell reġjonali u Ewropew u għall-monitoraġġ tal-iżvilupp tan-netwerk u s-swieq interni tal-elettriku u tal-gass. L-Aġenzija għandha wkoll il-kompetenza li tinvestiga każijiet ta' abbuż tas-suq u li tikkoordina l-applikazzjoni tal-pieni xierqa mal-Istati Membri. Ir-responsabbiltà għall-applikazzjoni ta' sanzjonijiet applikabbli għall-ksur madankollu hija f'idejn l-Istati Membri.

Bħala pass ulterjuri, ġew adottati żewġ Regolamenti li ħolqu strutturi ta' kooperazzjoni għal Netwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistemi ta' Trażmissjoni (ENTSO): wieħed għall-elettriku (Regolament (KE) Nru 714/2009) u wieħed għall-gass (Regolament (KE) Nru 715/2009), emendat bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/685/UE. L-ENTSO, flimkien mal-ACER, joħolqu regoli dettaljati ta' aċċess għan-netwerk u kodiċi tekniċi, u jiżguraw il-koordinament tal-operazzjoni tal-grilja permezz tal-iskambju ta' informazzjoni operattiva u l-iżvilupp ta' standards u proċeduri komuni tas-sikurezza u tal-emerġenzi. L-ENTSO huma responsabbli wkoll għall-abbozzar kull sentejn ta' pjan ta' investiment għal 10- snin li mbagħad ikunu rieżaminati mill-ACER.

Barra minn hekk, id-Direttiva 2008/92/KE tipprova ttejjeb it-trasparenza tal-prezzijiet tal-gass u tal-elettriku li l-utent finali industrijali jintalab iħallas billi tobbliga lill-Istati Membri jiżguraw li dawn il-prezzijiet u s-sistemi użati għall-iffissar tal-prezzijiet ikunu kkomunikati lill-Eurostat darbtejn fis-sena. F'Ottubru 2011, l-UE adottat ir-Regolament (UE) Nru 1227/2011 dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa (REMIT), bil-għan li jiggarantixxi prattiki kummerċjali ġusti fis-swieq Ewropej tal-enerġija.

Fit-30 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni pproponiet regolament (COM(2016) 0863) li jirriforma l-ACER filwaqt li jiġu riformati l-atti legali u jissaħħaħ ir-rwol prinċipali tagħha bħala koordinatur tal-azzjoni tar-regolaturi nazzjonali, b'mod speċjali f'dawk l-oqsma fejn it-teħid ta' deċiżjonijiet nazzjonali frammentati dwar kwistjonijiet ta' rilevanza transkonfinali jistgħu jwasslu għal problemi jew għal inkonsistenzi fis-suq intern. Il-lista tal-kompiti għaldaqstant ġiet aġġornata biex tinkludi d-dmirijiet tal-ACER fil-qasam tas-sorveljanza tas-suq tal-operaturi u tal-infrastruttura transkonfinali, sabiex l-ACER

ingħatat aktar responsabbiltà b'rabta mal-elaborazzjoni u mat-tressiq tal-proposta finali għal kodiċi tan-netwerk lill-Kummissjoni u biex tinfluwenza lill-proċess ta' rieżami (stabbilit fir-riformulazzjoni tar-Regolament dwar l-Elettriku (COM(2016) 0861)) tas-suq tal-elettriku reġjonali (żona tal-offerti).

**D.** Sigurtà tal-provvista tal-elettriku, tal-gass naturali u taż-żejt

Id-Direttiva 2005/89/KE tistabbilixxi miżuri maħsuba għas-salvagwardja tas-sigurtà tal-provvista tal-elettriku, biex jiġu żgurati l-funzjonament tajjeb tas-suq intern għall-elettriku, il-livell adegwat ta' interkonnessjoni bejn l-Istati Membri, il-livell adegwat ta' kapaċità ta' ġenerazzjoni, u l-bilanċ bejn l-offerta u d-domanda. Fid-dawl tal-importanza kruċjali tal-gass għall-provvista tal-enerġija tal-Unjoni Ewropea u bħala reazzjoni għall-kriżi tal-gass bejn ir-Russja u l-Ukrajna fix-xitwa 2008-2009, ir-Regolament (UE) Nru 994/2010 dwar miżuri li jissalvagwardaw is-sigurtà tal-provvista tal-gass kien adottat fl-2010. Ir-Regolament għandu l-għan li jsaħħaħ il-mekkaniżmi ta' prevenzjoni u ta' reazzjoni għal kriżi. Bl-iskop li tiġi garantita s-sigurtà tal-provvista ta' żejt, id-Direttiva 2009/119/KE tistabblixxi l-obbligu għall-Istati Membri biex iżommu minimu ta' ħażniet taż-żejt, li jikkorrispondi għal 90 jum tal-medja tal-importazzjoni netta ta' kuljum jew għal 61 jum tal-medja tal-konsum ta' kuljum fuq l-art, skont liema miż-żewġ kwantitajiet ikun l-akbar. Bi tweġiba għal tħassib dwar il-provvista tal-gass Russu li jgħaddi mill-Ukrajna, il-Kummissjoni ħarġet l-Istrateġija għas-Sigurtà tal-Enerġija tagħha f'Mejju 2014 (COM(2014) 0330). L-istrateġija għandha l-għan li tiżgura provvista stabbli u abbundanti ta' enerġija għaċ-ċittadini Ewropej u l-ekonomija. Hija tistabbilixxi miżuri bħal żieda fl-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, il-produzzjoni tal-enerġija indiġena u t-tlestija ta' konnessjonijiet neqsin fl-infrastruttura li jagħtu direzzjoni ġdida lill-enerġija fejn tkun meħtieġa matul kriżi.

Fit-8 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni adottat proposta leġiżlattiva għal reviżjoni mmirata tad-Direttiva tal-gass naturali (COM(2017) 0660). Dan ifisser li d-dispożizzjonijiet ewlenin tad-Direttiva tal-gass isiru immedjatament applikabbli għall-pajpijiet tal-gass transkonfinali ma' pajjiżi terzi, jew b'mod aktar speċifiku, għal dawk il-partijiet tal-pajpijiet li jaqgħu fi ħdan it-territorju tal-UE. Dan jgħin sabiex jiġi żgurat li l-ebda proġett ta' infrastruttura tal-gass attwali, ippjanat u futur li jinsab bejn Stat Membru tal-UE u pajjiż terz ma joħloq distorsjoni tas-suq uniku tal-enerġija jew idgħajjef is-sigurtà tal-provvista fl-UE.

**E.** Netwerks Trans-Ewropej għall-Enerġija (TEN-E)

Ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 jistabbilixxi linji gwida għan-netwerks trans-Ewropej fis-settur tal-enerġija li jidentifikaw proġetti ta' interess komuni u proġetti prijoritarji fin-netwerks trans-Ewropej tal-elettriku u tal-gass. Il-proġetti ta' interess komuni jitqiesu prijoritarji għall-finijiet tal-għoti ta' għajnuna finanzjarja skont ir-Regolament (KE) Nru 2236/95. Il-baġit allokat lil TEN-E huwa maħsub prinċipalment għall-finanzjament ta' studji ta' fattibbiltà. Strumenti oħra wkoll jistgħu jipparteċipaw sabiex jikkofinanzjaw investimenti, pereżempju l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej jew il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS). Ir-Regolament (UE) Nru 256/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar in-notifika lill-Kummissjoni ta' proġetti ta' investiment fl-infrastruttura tal-enerġija fl-Unjoni Ewropea jirrikjedi lill-

Istati Membri jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-proġetti ta' investiment tagħhom fl-infrastruttura tal-enerġija.

Fil-komunikazzjoni tagħha intitolata "Baġit għall-Ewropa 2011" (COM(2011) 0500), il-Kummissjoni pproponiet mekkaniżmu ta' finanzjament ġdid, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF), għall-finanzjament tal-proġetti prijoritarji fil-qasam tal-enerġija, tat-trasport u tal-infrastrutturi diġitali kritiċi, mill-2014 sal-2020. F'Novembru 2013, il-Parlament approva l-ftehim milħuq mal-Kunsill dwar il-baġit tas-CEF, b'EUR 5.12-il biljun intenzjonati għall-iżvilupp ta' proġetti trans-Ewropej għall-infrastruttura tal-enerġija (P7_TA(2013)0463). Ġew magħżula bosta proġetti ta' interess komuni għall-appoġġ tal-UE, ibbażati fuq il-linji gwida tal-infrastruttura tal-enerġija u approvati f'Marzu 2013 mill-Kunsill u mill-Parlament (P7_TA(2013)0061).

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Huwa u jadotta l-pakkett leġiżlattiv dwar is-swieq interni tal-enerġija, il-PE appoġġa b'mod qawwi s-separazzjoni tas-sjieda tat-trażmissjoni fis-settur tal-elettriku bħala l-aktar strument effikaċi biex jippromwovi l-investiment fl-infrastruttura b'mod nondiskriminatorju, l-aċċess ekwu għall-grilja għall-operaturi ġodda li jidħlu fis-suq u t-trasparenza fis-suq. Il-Parlament enfasizza wkoll l-importanza ta' opinjoni komuni Ewropea ta' investimenti intermedji (pjan Ewropew indikattiv ta' 10 snin iffokat fuq l-interkonnessjonijiet); aktar kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet regolatorji, l-Istati Membri u l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni; u proċess b'saħħtu ta' armonizzazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' aċċess għan-netwerk. Fuq l-inizjattiva tal-Parlament, ingħatat importanza partikolari lid-drittijiet tal-konsumatur, li kienu parti mill-ftehim milħuq mal-Kunsill: ir-riżoluzzjonijiet insistew fuq iż-żieda fid-drittijiet tal-konsumatur (bdil ta' fornituri, informazzjoni diretta permezz ta' arloġġi intelliġenti u trattament effiċjenti tal-ilmenti minn "ombudsman" tal-enerġija). Il-Parlament kiseb ukoll ir-rikonoxximent tal-kunċett ta' "faqar tal-enerġija". Huwa appoġġaa b'mod qawwi l-istabbilment tal-ACER; billi insista li kellha tkun mgħammra bis-setgħat meħtieġa biex jingħelbu dawk il-kwistjonijiet li ma jistgħux jiġu solvuti mir-regolaturi nazzjonali u li jfixklu l-integrazzjoni u t-tħaddim tajjeb tas-suq intern.

Riżoluzzjonijiet reċenti ewlenin:

— it-12 ta' Settembru 2017: ġew adottati regoli ġodda li jippermettu lill-pajjiżi ġirien jgħinu lil xulxin biex jiġġestixxu l-kriżijiet tal-gass, jassiguraw is-solidarjetà transkonfinali u t-trasparenza tal-kuntratti tal-provvista tal-gass.

— it-2 ta' Marzu 2017: Il-Membri tal-PE approvaw ir-regoli li jirrikjedu li l-Istati Membri jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-pjanijiet tagħhom biex jinnegozjaw ftehimiet ta' provvista tal-enerġija ma' pajjiżi terzi qabel ma jinfetħu n-negozjati.

— il-25 ta' Ottubru 2016: Il-Parlament appoġġa riżoluzzjoni għal strateġija tal-UE għal gass naturali likwifikat (LNG) sabiex il-provvisti tal-enerġija jsiru aktar siguri, jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju u jkun hemm prezzijiet affordabbli.

— it-13 ta' Settembru 2016: Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament intitolata "Lejn Disinn Ġdid tas-Suq tal-Enerġija" tirrakkomanda kombinazzjoni ta' swieq likwidi fuq terminu

ta' żmien qasir u sinjali tal-prezzijiet fuq terminu ta' żmien twil, sabiex is-suq ikun kapaċi jiflaħ għal sehem li qed jikber ta' enerġija rinnovabbli u konsumaturi attivi.

— is-26 ta' Mejju 2016: Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament dwar patt ġdid għall-konsumaturi tal-enerġija tappella liċ-ċittadini biex ikollhom is-setgħa jipproduċu, jikkonsmaw, jaħżnu jew jikkummerċjaw l-enerġija rinnovabbli tagħhom stess, jinvolvu ruħhom fis-suq tal-enerġija u jipparteċipaw fir-rispons tad-domanda.

Frédéric Gouardères
05/2019